MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 1457/2001/1

**Anthony Sammut**

**Vs**

**Giovanni u Marie Louise konjugi Campagnino**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fis-17 ta' Awissu, 2001, li in forza taghha, wara li ppremetta illi permezz ta' kuntratti notarili datat 16 ta' Settembru, 1993 u ppubblikati min-nutar *Dr. Marthese Felice,* l-attur ikkostitwixxa ruhu garanti solidali ghal dejn tal-konvenuti mal-*Bank of Valletta plc* (Dok. AS1 u AS2);

Ippremetta illi l-attur ipprovda proprjeta' tieghu bhala garanzija ghad-dejn tal-konvenuti;

Ippremetta illi minhabba din l-obbligazzjoni l-attur spicca hallas lill-*Bank of Valletta plc* is-somma ta' erbatax-il elf hames mija u erbatax-il lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm 14,514.23) u b'hekk gie surrogat bis-sahha tal-ligi fid-drittijiet tal-*bank;*

Ippremetta illi l-konvenuti debitament interpellati sabiex jersqu ghall-hlas baqghu inadempjenti u ghalhekk kellhom isiru dawn il-proceduri;

Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex;

1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' erbatax-il elf hames mija u erbatax-il lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm 14,514.23) liema flejjes huma dovuti lill-attur kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma min issa ngunti in subizzjoni u bil-hlas ta' l-imghax mid-data li l-attur hallas lill-*Bank of Valletta plc.*

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha huma eccepew illi;

1. Il-gudizzju m'huwiex integru peress illi mart l-attur li kienet parti garanti mhiex parti fil-kawza;

2. Illi l-attur irid jipprova li hallas l-ammont li qieghed jallega li hallas peress illi mid-dokumenti pprezentati ma jirrizultax li hallas dak l-ammont li qieghed jigi allegat;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost abbazi ta' l-artiklu 1938 tal-Kodici Civili Kap 16 dan l-allegat dejn ghandu jigi diviz porzjoni ezatti minn kull garanti u mhux kollu minn garanti wiehed;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tad-19 ta' Frar, 2002, fejn il-konvenuti irtiraw l-ewwel eccezzjoni taghhom;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi f'dan il-kaz jirrizulta illi b'zewg kuntratti ppubblikati minn *Nutar Dottor Marthese Felice* fis-16 ta' Settembru, 1993, il-*Bank of Valletta plc* ta' self lil *Giovanni Compagnino* ta' elf, erbgha mija u tlieta u tlettin lira Maltin (Lm 1,433), b'kuntratt wiehed, u *overdraft* sa hames t'elef lira Maltin (Lm 5,000), bil-kuntratt l-iehor. Fuq iz-zewg kuntratti deher wkoll l-attur, *Anthony Sammut*, bhala garanti solidali mad-debitur principali, u inoltre dan ta' l-ahhar ipoteka l-proprjeta' tieghu, li huwa l-*appartament numru 6,* go blokk ta' *flats, numru 31* maghruf bl-isem ta' *"Saint Joseph",* gewwa *Wilga Street, Paceville,* in garanzija tal-facilitajiet moghtija lill-konvenut.

Jidher li l-konvenut *Compagnino*, wara li nqeda bis-self u bil-facilita' ta' *overdraft*, ma hallasx lura d-dejn li kellu mal-*Bank of Valletta.* Wara li d-debitur baqa' ma hallasx, u d-dejn kompla jizdied bl-imghaxijiet li kienu qed jakkumulaw, il-*Bank* dahar fuq l-attur sabiex dan, bhala garanti, jaghmel tajjeb ghad-dejn tad-debitur principali. Peress li l-*Bank* beda jintima li kien sejjer igib l-appartament ta' l-attur ghal bejgh bis-subasta sabiex jithallas tal-kreditu tieghu, l-attur ha self personali fuq ismu sabiex ikun jista' jhallas id-dejn ta' *Compagnino.* Dan id-dejn, bl-imghaxijiet kien tela ghal erbatax il-elf lira Maltin (Lm 14,000), u l-attur hallas din is-somma f'Ottubru tal-1998 biex b'hekk issalda l-pendenza li kellu *Compagnino* mal-*Bank of Valletta* u waqqaf il-proceduri li l-*Bank* kien qed jiehu kontra tieghu; l-attur kellu wkoll jobbliga ruhu li jhallas l-ispejjez ta' dawk il-proceduri u, fil-fatt, dawn hallashom.

Fil-kawza xehedu diversi ufficcjali tal-*Bank of Valletta* li kkonfermaw li l-klient u d-debitur kien il-konvenut *Compagnino* u li kien dan li utilizza il-facilitajiet li tah il-*Bank.* Gie konfermat ukoll li dan *Compagnino,* wara li uzufruwixxa ruhu minn dawn il-facilitajiet, baqa' ma hallasx id-dejn li iggenera mal-*Bank of Valletta*, u li dan id-dejn tela ghal erbatax il-elf lira Maltin (Lm 14,000). Gie ppruvat ukoll li dan id-dejn thallas kollu mill-attur *Anthony Sammut,* u li b'rizultat ta' dan il-pagament l-erba' kontijiet li kienu infethu fuq isem il-konvenut u/jew il-kumpanija tieghu *(Sweetline Ltd.)* inghalqu. Apparti kont li kien jirreferi ghal *legal fees* referibilment ghal *management* tal-kontijiet ta' *Compagnino,* it-tlett kontijiet l-ohra inghalqu fis-6 ta' Ottubru, 1998, wara l-hlas li kien sar mill-attur. Fid-dawl ta' dawn il-hlasijiet, anke l-garanzija personali li l-konvenuti kienu taw fuq id-dejn li hadet il-kumpanija *Sweetline Ltd* gew kancellati. Jirrizulta, ghalhekk, li l-*Bank of Valletta plc* gie sodisfatt il-kreditu tieghu bil-hlasijiet li ghamel l-attur.

Il-konvenuti jeccepixxi wkoll li a bazi tal-artikolu 1938 tal-Kodici Civili, dan il-hlas ghandu jigi diviz f'porzjoni ezatti minn kull garanti, u mhux kollu minn garanti wiehed. L-artikolu kwotat, *pero'*, mhux rilevanti u ma jikkoncernax il-fatt *ispecie* ta' dan il-kaz. L-artikolu 1938 jiddisponi li f'kaz li wiehed mill-garanti jkun insolvibbli, sehemu jkunu jridu jaghmlu tajjeb ghalih il-garanti l-ohra, inkluz dak il-garanti li jkun inghata l-beneficcju tal-qsim tad-dejn. Il-Qorti ma fehemitx fejn dan l-artikolu jinkwadra fil-meritu ta' dan il-kaz.

Min-naha l-ohra, l-artikolu 1945 tal-Kodici Civili jiddisponi li l-garanti li jhallas id-dejn, jidhol *ipso jure* fil-jeddijiet kollha li l-kreditur kellu kontra d-debitur, u f'kaz ta' solidarjeta', kif inhu dan il-kaz, fil-waqt li l-principju generali, skond l-artikolu 1107, hu li l-kondebitur li jhallas id-dejn *in solidum* kollu, ma jistax jitlob minghand l-ohrajn hlief is-sehem ta' kull wiehed minhom, *a tenur* tal-artikolu 1109, *"jekk fil-haga li ghaliha gie maghmul id-dejn in solidum ma jkollux x'jaqsam hlief wiehed mill-kondebituri, dan hu obbligat ghad-dejn kollu lejn il-kondebituri l-ohra u dawn, rigward dak il-kondebitur, jitqiesu biss bhala garanti".* Darba

jirrizulta, allura, li d-dejn in kwistjoni kien a beneficcju tal-konvenut *Compagnino* u kien dan wahdu li kellu x'jaqsam mieghu, hu obbligat ghad-dejn kollu fil-konfront tad-debituri l-ohra marbutin mieghu *in solidium*. Dawn il-kondebituri l-ohra jitqiesu, fil-konfront tieghu, bhala garanti u, kif intwera, skond l-artikolu 1945 tal-Kodici Civili, dak il-*"garanti"* li jhallas id-dejn kollu jista' jdur ghal *regress* kontra d-debitur principali.

Ghal qbija, jirrizulta li l-attur, b'kollox, hallas is-somma ta' erbatax il-elf, hames mija u erbatax il-lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm 14,514.23) lill-*Bank of Valletta plc* biss issalda d-dejn kollu li l-konvenut kellu ma dan il-*Bank.* Il-konvenut, ghalhekk, hu obbligat, li jirrifondi din is-somma lill-attur.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi, mill-kawza billi tilqa' t-talba attrici kif dedotta, u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' erbatax il-elf, hames mija u erbatax il-lira u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm 14,514.23), bl-imghax legali ta' 8% mis-6 ta' Ottubru, 1998, sal-gurnata tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------